# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 2024**

Fl-atti tal-Kawża Nru: **49/2024 ISB** fl-ismijiet:

**Tyke Holding Limited (C 55533)**

vs

**Absolute Holding Limited (C55534)**

**EM@NEY P.L.C. (C55558)**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji għal kull interess illi jista' jkollu**

**L-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għal kull interess illi jista' jkollha**

**DAN huwa digriet mogħti in camera għar-rikors imressaq mis-soċjeta' rikorrenti Tyke Holding Limited fit-8 ta' Novembru 2024 u li jinsab a fol 43 tal-proċess.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Tyke Holding Limited tat-8 ta' Novembru 2023, fejn wara l-premessi hemmhekk magħmula, talbu lill-Qorti sabiex:

i. *Tilqa' dan ir-rikors u t-talbiet kontenuti fih provvizorjament pendenti d-deċizjoni finali dwar dan l-istess rikors;*

ii. *Iżżomm lill-intimata milli tipproċedi bi u żżomm il-laqgħa generali straodrinarja tal-istess socjeta' intimata EM@NEY P.L.C. hekk kif insejjħa għal nhar it-18 ta' Novembru 2024 fid-9:30am flimkien mal-aġġornament tagħha għat-2 ta' Diċembru 2024 fid-9:30am ġewwa l-uffiċċju tal-kumpannija fi Skyway Offices, Block C, Office 5, 179, Marina Street, Pieta' Malta u allura tordna li tali laqgħa titwaqqaf milli tinżamm;*

iii. *Tordna li pendenti l-eżitu tal-proċeduri prinċipali fl-ismijiet premessi (Rik Nru 49/2024ISB) ma għandhomx isiru u ma għandhomx jiġu konvokati u msejjħa laqgħat ġeneali straordinarji tal-kumpannija EM@NEY P.L.C.;*

iv. *Alternattivament u subordinament, fil-kaz illi din l-Onorabbli Qorti tqis li m'għandiex tilqa' t-talbiet preċedenti, tordna r-revizjoni tal-agenda tal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja sabiex din tkun tinkludi riżoluzzjonijiet speċifiċi u cari u r-riżoluzzjonijiet kollha li dwarhom iridu jivvutaw l-azzjonisti, b'dan illi l-azzjonisti għandha tingħatalhom l-informazzjoni kollha dettaljata minn qabel dwar xiex qed jissejjħu jivvutaw tal-anqas ħmistax il-jum qabel id-data tal-laqgħa, u allura ukoll tordna l-konvokazzjoni ta' laqgħa generali straordinarja mill-ġdid,*

*U dan bhala ordni ad interim sakemm il-proceduri prinċipali Rik. Nru. 49/2024ISB jigu deċiżi finalment.*

Rat d-dokumenti ppreżentati mar-Rikors.

Rat id-Digriet tagħha tal-11 ta' Novembru 2024 li permezz tiegħu l-Qorti ssospendiet il-laqgħa mertu tar-rikors sakemm ikun hemm direzzjoni mod ieħor mill-Qorti.

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' EM@NEY P.L.C. tat-22 ta' Novembru 2024.

Rat ir-Risposta tal-Awtorita' intimata tal-25 ta' Novembru 2024.

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' Absolute Holding Limited tat-25 ta' Novembru 2024.

Rat l-atti.

## Ikkunsidrat:

Illi dan ir-rikors qiegħed isir fil-kuntest ta' proċeduri mressqa ai termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386 tal-liġijiet ta' Malta bejn il-kontendenti, inizjalati fil-15 ta' Mejju 2024.

Illi dak li essenzjalment qiegħed jintalab hawnhekk **huwa miżuri *interim*** pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri. Dan id-digriet mhux u m'għandux jiġi interpretat illi qiegħed jiddeċiedi l-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet, peress illi l-Qorti għad trid tesprimi ruħha dwar dak fis-sentenza finali tagħha.

Ghalkemm l-Artikolu 402 tal-KAP 386 ma jagħtix espressament lill-Qorti l-għodda biex tagħti miżuri *interim* kif hawnhekk mitlub, hekk per eżempju kif jagħti l-provvediment li jittratta stralċ ta' kumpannija (Art. 219), il-Qorti b'danakollu tikkwota dak illi qalet preċedentament, meta hekk kif diversamet preseduta, fil-każ **Frank Grisar et vs DoLittle & Fishmore Limited et**[1], qalet hekk:

> *In the local scenario, on the strength of various court rulings, there is a consistent acceptance that the Court can grant interim orders or measures while the action filed on the basis of article 402 is still pending.*

Dan premess, il-Qorti zzid tikkwota mill-istess sentenza hawn fuq citata, fejn intqal hekk:

> *When an application is filed for the grant of interim measures, the burden rests on the person making the request to prove prima facie that, without interim relief, his rights pending final judgement on the merits of the claim risk further prejudice. In the case under scrutiny it was therefore up to applicants to bring forward satisfactory evidence to enable the Court to consider their request.*
>
> .....................................
>
> *This Court reaffirms the principle that the grant of interim measures is not a matter of course in unfair prejudice proceedings. It is rather exceptional in nature intended primarily to ensure that a status quo is maintained within the company until the dispute between the members of the company is decided by the Court.*

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

---

[1] 1089/2017/1 JZM tal-11 ta' Settembru 2018

Illi s-soċjeta' rikorrenti diġa', kontestwalment ma' dawn il-proċeduri, kienet talbet għal miżuri interim, liema talbiet, għalkemm differenti, kienu ġew irtirati fit-30 ta' Settembru 2024 minħabba numru ta' ċirkostanzi illi kienu seħħew fil-mori.

Illi l-kawża fil-mertu tinsab differita għall-5 ta' Frar 2025 u bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, dakinhar għandhom jitressqu l-provi kollha tal-partijiet, inkluż minn kontro-eżamijiet, u l-Qorti ordnat sabiex il-partijiet jipprovdu interpreti jekk jħossu meħtieġ, peress illi għamlitha ċara illi f'dik is-seduta il-provi għandhom jingħalqu "*u jingħata żmien lill-partijiet sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-għan illi l-kawza tigi differita għas-sentenza*".

Illi l-programm tas-smigħ tal-kawża huwa għalhekk determinat u mhux mistenni illi jkun hemm dilungar inutili tal-proċedura fil-mertu.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi essenzjalment, dak li qed titlob is-soċjeta' rikorrenti hawnhekk huwa, fl-ewwel lok, illi :

i. ***Tilqa' dan ir-rikors u t-talbiet kontenuti fih provvizorjament pendenti d-deċizjoni finali dwar dan l-istess rikors;***

Il-Qorti tqis illi fid-digriet tagħha tal-11 ta' Novembru 2024 hija ddegretat billi laqgħet l-ewwel talba fis-sens hemmhekk deċiż u konsegwentament qed tqis din it-talba ġja deċiza u konsegwentament tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Fit-tieni lok, is-soċjeta' rikorrenti qed titlob lill-Qorti sabiex :

ii. ***Iżżomm lill-intimata milli tipproċedi bi u żżomm il-laqgħa generali straodrinarja tal-istess socjeta' intimata EM@NEY P.L.C. hekk kif insejjħa għal nhar it-18 ta' Novembru 2024 fid-9:30am flimkien mal-aġġornament tagħha għat-2 ta' Diċembru 2024 fid-9:30am ġewwa l-uffiċċju tal-kumpannija fi Skyway Offices, Block C, Office 5, 179, Marina Street, Pieta' Malta u allura tordna li tali laqgħa titwaqqaf milli tinżamm;***

Din hija t-talba prinċipali tant illi r-rikors jiddiskreviha bħala dik għaliex "*ir-rikors qiegħed primarjament u principalment isir*". Filwaqt illi s-soċjeta' rikorrenti tannetti kopja tal-aġenda tal-laqgħa de quo, tgħid illi l-aġenda hija "*karatterizzata minn defiċjenzi proċedurali*", in kwantu illi ma tikkontjenix ir-

riżoluzzjonijiet speċifiċi li qed jiġu proposti u r-rekwiżiti tal-vot huma nieqsa, filwaqt illi ma tirriżultax dikjarazzjoni prominenti illi membru għandu dritt jaħtar prokuratur.

Il-kumpannija EM@NEY min-naħa tagħha tiċħad dan u tagħti r-raġunijiet għaliex dak li qed jingħad mis-soċjetà' rikorrenti m'għandux mis-sewwa, kemm billi tagħmel referenza għal-liġi imma ukoll għal awturi. Issostni fuq kollox illi jekk tinżamm il-laqgħa *de quo*, is-soċjeta' rikorrenti mhi ser issofri ebda preġudizzju.

Ta' l-istess fehma kienet is-soċjeta' Absolute Holding Limited li sostniet fost affarijiet oħra illi l-laqgħa ġenerali straordinarja ġiet imsejjħa skont il-liġi u l-istatut u ma hemm ebda defiċjenza proċedurali fis-sejħa għal-laqgħa de quo. Issostni illi fejn huwa rikjest illi jkun hemm *test* ta' riżoluzzjoni – dan sar, u għalhekk l-aġenda proposta ma hija monka minn xejn.

Il-Qorti fliet l-avviż u l-aġenda kif anessa mar-rikors (DOK A) jew (DOK R-12 mar-risposta ta' Absolute), u wara illi qieset il-provvedimenti tal-ligi u dawk tal-Memordandum and Articles of Association tal-kumpannija, ma tistgħax tasal biex tikkonkludi f'dan il-mument illi hemm defiċjenzi proċedurali fil-hruġ u d-distribuzzjoni tal-aġenda u l-kontenut tagħha.

Il-Qorti tqis illi fejn l-aġenda għamlet referenza għal riżolużżjoni straordinarja, kien prodott it-test tar-riżolużżjoni li qegħda għad-diskussjoni, filwaqt illi fejn fl-aġenda jissemmew riżoluzzjonijiet taħt kapi oħra tal-aġenda, ma jirriżultax fil-livell mixtieq u mistenni għal finijiet ta' dawn il-proċeduri illi huwa neċessarju xi ħaġa aktar minn dak illi l-aġenda fiha.

Il-Qorti tirreferi għal dak li nsibu fil-Gower's **Principles of Modern Company Law** (11th edition, pg 452) fejn jingħad hekk taħt it-titolu "Wording and notice of proprosed resolutions":

> *In order for shareholders to decide whether to attend meetings and vote, they will need to receive notice of the meeting and of "the general nature of the business to be dealt with".*

Pożizzjoni din illi jikkondividiha bl-istess mod preċiż il-Professur Andrew Muscat fil-ktieb tiegħu **Principles of Maltese Company Law** kif anke kkwotat fir-risposta tal-istess kumpannija Em@ney.

Il-Qorti tqis illi f'dan il-każ qed isir da parti tas-soċjetà' rikorrenti tfettiq żejjed, attentat ieħor tas-soċjeta' rikorrenti sabiex il-kumpannija ma żżommx laqgħa ġenerali intiża, fil-fehma tagħha, sabiex ikompli l-operat tal-kumpannija wara bidla fit-tmexxija tal-kumpannija.

Fuq kollox, riżoluzzjoni, hi ta' liema natura hi, tkun meqjusa li għaddiet validament ukoll jekk jirriżulta illi n-*notice* tkun validament mogħtija – u kwindi, is-soċjeta' rikorrenti dejjem għanda rimedji bil-liġi jekk jidhrilha illi riżoluzzjoni tkun għaddiet b'mod invalidu – b'eżami ċertament ferm aktar approfondit minn dak mistenni f'ċirkostanzi bħal dawn odjerni u wara illi persuna interessata tkun ressqet l-ilmenti tagħha fil-fora opportuna mhux lanqas waqt l-istess laqgħa.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi dan il-ħsieb u motiv hawn fuq magħmul huwa ugwalment applikabbli għas-sottomissjonijiet u kumment magħmula mis-soċjeta' rikorrenti anke fir-rigward tal-*items* fuq l-aġenda b'mod individwali. Minkejja illi għalhekk il-Qorti tista' tieqaf hawn, b'dana kollu tħoss illi jkun xieraq illi tagħmel ukoll is-segwenti osservazzjonijiet:

- Illi sakemm huwa meqjus illi l-laqgħa ġiet imsejħa b'mod validu, jispetta lil kull parti interessata illi tattendi sabiex tipparteċipa u tiddiskuti l-*items* fuq l-aġenda, tikseb aktar informazzjoni, tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, tressaq ir-rizervi tagħha, tagħmel id-domandi illi jkunu xierqa u tikseb kwalsiasi informazzjoni neċessarja u li jwassluha biex tieħu deċizjoni nfurmata fl-aħjar interess tal-kumpannija.

- Illi fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet interessati f'kumpannija, u mhux lanqas bejn il-membri, għandu jkun hemm dejjem rispett lejn l-istatut, allura r-regoli li bihom timxi l-kumpannija u l-liġi fejn din tirregola, u f'kull mument għandu ukoll jkun hemm dejjem ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, b'dan illi deċizjoni trid tittieħed skond ir-rieda tal-maġġoranza iżda tali deċiżjoni trid dejjem tkun tirrispetta d-drittijiet tal-minoranza.

- Illi bħal ma taf tajjeb is-soċjeta' rikorrenti, hemm imbagħad il-protezzjoni u d-drittijiet illi tagħti l-liġi jekk u fl-eventwalita' illi soċju jħoss li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju, għal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali – u kif stabbilit, il-poteri tal-Qorti huwa pjuttost wiesgħa sabiex jingħataw rimedji effikaċi u effettivi.

- Illi għar-rigward tal-prokuri jew id-dritt illi membri jkunu rappreżentati minn terzi magħżula biex jirrappreżentawhom, filwaqt illi l-Qorti tirreferi lis-soċjeta' rikorrenti għall-Artikolu 133 tal-KAP 386, tqis illi huwa minnu illi l-liġi trid illi

jkun hemm f'post prominenti xieraq tal-aġenda jew is-sejħa għal-laqgħa, dikjarazzjoni illi membru li jkollu dritt jattendi u jivvota jkollu dritt li jaħtar prokuratur u illi prokuratur ma hemmx bżonn li jkun membru – b'danakollu n-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni waħedha ma ġġibx in-nullita' tal-agenda. Tassew illi ġġib magħha sanzjoni ta' penali imma mhux illi tinvalida l-laqgħa. Sewwa ssostni f'dan is-sens is-soċjetà' Absolute fir-risposta tagħha, li anke tikkwota lill-**Professur Andrew Muscat** u liema pożizzjoni issib ukoll applikabbilita' fil-pożizzjoni Ingliża.

Il-Qorti tqis ukoll finalment illi s-soċjeta' rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova sodisfaċentament kif trid il-liġi illi jekk ma jintlaqgħux it-talbiet tagħha magħmula f'dan i-rikors hawnekk trattat, allura ser tbati xi preġudizzju pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri. F'dan il-kuntest huwa ukoll abbaċċjat l-argument mressaq mill-intimati fis-sens illi dak hawnhekk mitlub ma jikkunfigurax f'dak illi l-liġi trid fir-rigward tat-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija.

**Għalhekk illi t-tieni talba u t-talbiet l-oħra li jsegwu ser jigu ukoll respinti.**

**GĦALDAQSTANT,** għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qed tgħaddi biex **ticħad** it-talbiet għal ordnijiet interim mressqa bir-rikors tas-soċjeta' Tyke Holding Limited tat-8 ta' Novembru 2024.

Spejjeż jibqgħu rizervati għall-ġudizzju finali.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |